MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Numru 1173/2008

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech)

vs

Omissis
Bryan Seguna

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Omissis u l-imputat Bryan Seguna ta' 20 sena, bin Ivan u Caroline nee' Magro imwieled Pieta' fl-4 ta' Settembru, 1988 u residenti Penthouse 2, Etray, Triq Kent, Fgura u detentur tal-karta tal-identita' numru 406188(M) gew imressaqa quddiemha akkuzati talli:

Fil-25 ta' Novembru, 2008 ghall-habta ta' xi 8:00 pm waqt li kienu fi Triq Bormla, Rahal Gdid, ikkommettew serq ta' Incirata 'Soft Top' valur ta' madwar €931.75 (Lm400) minn go vettura bin-nru. BBL 481 ta' ghamla Suzuki ghad-

dannu ta' Shirley Galea minn Rahal Gdid, liema serq hu aggravat bil-valur, hin u bix-'xorta tal-haga misruqa' u dan bi ksur ta' Artikoli 261 (c), (f) u (g) 267, 270 u 271 (g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta' Novembru 2008 (esebit a fol. 2 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2008 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn fin il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio 5* tal-process), l-fatt li r-refurtiva giet ritornata, l-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet, l-fatt li l-imputat ghad ghandu eta' zghira u li huwa ammetta l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 261(c), (f) (g), 267, 270 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u

b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------